Is-17 ta' Ottubru 2019

Għażiż Ġenitur/Gwardjan

L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu torganizza l-kampanja Apprezza fuq bażi annwali. Din il-kampanja għandha bħala għan li tqajjem għarfien dwar l-importanza tat-turiżmu għal Malta, li tnissel sens ta' kburija fl-istudenti żgħar u żżid l-għarfien tagħhom dwar il-prodott turistiku ta' Malta.

Bħala parti minn dan il-programm, norganizzaw żjarat fil-weekend f'siti u f'attrazzjonijiet ta' wirt storiku għall-istudenti u l-ġenituri/gwardjani tagħhom.

Minħabba domanda kbira, nixtiequ nintroduċu dawn il-linji gwida:

1. Ir-riservazzjonijiet iridu jsiru mill-websajt tagħna https://apprezza.org.mt/
2. L-attivitajiet se jkunu rreklamati fuq il-paġna tagħna ta' Facebook **Turu Fanpage – Apprezza.**
3. Ir-riservazzjonijiet isiru strettament fuq il-bażi ta' min ikun applika l-ewwel jinqeda l-ewwel.
4. Huwa importanti li tikkanċella r-riservazzjoni tiegħek jekk ma tkunx tista' tattendi permezz ta' ittra eletronika fuw apprezza.mta@visitmalta.com
5. Adult wieħed biss jista' jattendi ma' kull tifel/tifla fejn indikat li jrid jattendi adult.
6. Fejn ma hemmx indikat li jrid jattendi adult, trid tiġi mimliija formola ta' indennizz.
7. Aktar minn tifel/tifla wieħed/waħda jistgħu jattendu ma' kull adult.
8. Ir-riservazzjonijiet jiftħu għal kull avveniment wieħed wieħed, 30 jum qabel l-avveniment.
9. Ġenitur/gwardjan jista' jirriserva avvenimenti differenti għal tfal differenti.
10. Dawn iż-żjarat isiru skont l-età. Għalhekk huwa importanti li l-ġenituri/gwardjani jagħmlu r-riservazzjoni tagħhom b'aderanza stretta mal-età.
11. L-attivitajiet kollha huma mingħajr ħlas.
12. It-trasport mhuwiex ipprovdut.
13. Il-post ta' fejn niltaqgħu huwa dejjem fil-post elenkat.
14. It-tul ta' ħin tal-avveniment indikat huwa approssimattiv.
15. L-avvenimenti jistgħu jiġu kkanċellati minħabba temp ħażin u/jew ċirkostanzi mhux previsti. Se jsir kull sforz biex il-ġenitur/gwardjan jiġi kkuntattjat permezz ta' email sabiex jiġi infurmat kif xieraq.

Napprezzaw il-kooperazzjoni tagħkom ma' dawn il-linji gwida sabiex jiġi evitat kull diżappunt.

Tislijiet,

**Catherine Zammit**
**Assistant Manager**
Quality & Industry HR Development Unit